

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Novembru 2007

dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni, ibbażata fuq l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni għal finijiet doganali

(2007/764/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2005,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005, u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni għal finijiet doganali ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejja l-“Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni għal finijiet doganali”) ġiet magħmula fi Brussell fis-26 ta' Lulju 1995 u daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Diċembru 2005.

(2) Il-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni għal finijiet doganali ġiet kompletata minn dawn li ġejjin-

— il-Protokoll, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-interpretazzjoni, f-deċiżjonijiet preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni għal finijiet doganali ⁽³⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja”), li ġie magħmul fi Brussell fid-29 ta' Novembru 1996 u li daħal fis-seħħ fil-25 ta' Diċembru 2005;

— il-Protokoll, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-ambitu tal-*laundrying* tar-rikavati fil-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni għal finijiet doganali u l-inklużjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-mezzi ta' trasport fil-Konvenzjoni ⁽⁴⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Protokoll dwar l-ambitu tal-*laundrying* tar-rikavati”), li ġie magħmul fi Brussell fit-12 ta' Marzu 1999 u li għandu jidħol fis-seħħ skond l-Artikolu 3(3) tiegħu.

— il-Protokoll, stabbilit skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jemenda, fir-rigward tal-ħolqien ta' *database* għall-identifikazzjoni ta' *files* doganali, il-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija informazzjoni għal finijiet doganali ⁽⁵⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Protokoll dwar il-ħolqien ta' *database* għall-identifikazzjoni ta' *files* doganali”), li ġie magħmul fi Brussell fit-8 ta' Mejju 2003 u li għandu jidħol fis-seħħ skond l-Artikolu 2(3) tiegħu.

(3) Konsegwentement għall-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, l-Islonja u l-Isllovakja ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija informazzjoni għal finijiet doganali. Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, l-Islonja u l-Isllovakja ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' adeżjoni mat-tliet Protokolli. Il-Latvja ddepożitat l-istrumenti tagħha ta' adeżjoni mall-Protokoll dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

(4) L-Artikolu 3(3) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jipprovdi li l-Bulgarija u r-Rumanija jaderixxu mal-konvenzjonijiet u protokolli, elenkati fl-Anness I ma' l-Att ta' l-Adeżjoni, li jinkludi, *inter alia*, il-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni għal finijiet doganali u l-Protokolli għaliha. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ fir-rigward tal-Bulgarija u tar-Rumanija fid-data deċiża mill-Kunsill.

(5) Skond l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, il-Kunsill għandu jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa minħabba l-adeżjoni f'dawk il-konvenzjonijiet u protokolli,

⁽¹⁾ Opinjoni ta' l-10 Lulju 2007 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU C 316, 27.11.1995, p. 34.

⁽³⁾ ĠU C 151, 20.5.1997, p. 16.

⁽⁴⁾ ĠU C 91, 31.3.1999, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU C 139, 13.6.2003, p. 2.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija informazzjoni għal finijiet doganali, kif ġiet emendata mill-Protokoll dwar il-ħolqien ta' database għall-identifikazzjoni ta' *files* doganali u din id-Deċiżjoni, kif ukoll il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja u dwar l-ambitu tal-*laundrying* tar-rikavati, għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni bejn il-Bulgarija u r-Rumanija u dawk l-Istati Membri li għalihom tkun fis-seħħ il-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ bejn il-Bulgarija, ir-Rumanija u kull Stat Membru ieħor fil-jum li hija tidħol fis-seħħ għall-Istat Membru l-ieħor konċernat.

Artikolu 2

Il-Konvenzjoni dwar l-użu tat-teknoloġija informazzjoni għal finijiet doganali, il-Protokoll dwar il-ħolqien ta' *database* għall-

identifikazzjoni ta' *files* doganali, il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Protokoll dwar l-ambitu tal-*laundrying* tar-rikavati, imfassla fil-lingwa Bulgara u fil-lingwa Rumena ⁽¹⁾, għandhom ikunu awtentiċi skond l-istess kondizzjonijiet bħat-testijiet oħra tal-Konvenzjoni u tal-Protokoll għaliha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 8 ta' Novembru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

R. PEREIRA

⁽¹⁾ Il-verżjoni Bulgara u l-verżjoni Rumena tal-Konvenzjoni għandhom jiġu pubblikati fl-edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali f'data aktar tard.